



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2022
(OR. en)

5960/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0021(COD)

COMPET 72
MI 88
IND 29
RECH 60
ENT 12
MAP 6
TELECOM 38
CODEC 125

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 32 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni dwar standards Ewropej u strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 32 final.

Mehmuż: COM(2022) 32 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022
COM(2022) 32 final

2022/0021 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-
organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni dwar standards Ewropej u
strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni (ESOs) huma organizzazzjonijiet privati, li għandhom rwol speċjali fi ħdan is-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni. Kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012¹, l-istandardizzazzjoni Ewropea hija organizzata mill-partijiet ikkonċernati u għalihom, abbażi tar-rappreżentanza nazzjonali (fil-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, is-CEN, u fil-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika, is-CENELEC) u l-parteċipazzjoni diretta tal-membri (fl-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni, l-ETSI). Meta ssir talba għall-istandardizzazzjoni mill-Kummissjoni, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni (kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012) huma l-uniċi korpi li jistgħu joħorġu standards u strumenti ta' standardizzazzjoni. Huma jagħmlu dan f'konformità mal-proċeduri speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tar-"Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni". Ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni jipprevedi wkoll li l-Unjoni Ewropea tista' tappoġġa finanzjarjament lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni.

L-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni huma definiti fil-punt 8 tal-Artikolu 2 u fl-Anness I tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Hemm tliet organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni: is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI. Dawn għandhom rwol esklużiv li jwettqu ħidma ta' standardizzazzjoni mitluba mill-Kummissjoni b'appoġġ għall-leġiżlazzjoni u għall-politiki tal-UE.

Dan huwa prinċipalment minħabba raġunijiet storiċi. Fis-snin 80, meta ġew stabbiliti l-organizzazzjonijiet attwali Ewropej tal-istandardizzazzjoni u meta ġie stabbilit ir-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-standards, is-sistema kienet iċċentrata l-aktar fuq il-partijiet ikkonċernati tal-Unjoni Ewropea.

Illum, is-sitwazzjoni hija differenti u l-governanza interna tal-ESO, flimkien mal-proċeduri tat-tehd tad-deċiżjonijiet u l-istruttura tas-sħubija tagħhom, għaddew minn bidliet multipli. L-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni issa jikkooperaw ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inkluż minn pajjiżi terzi, u jippermettulhom jipparteċipaw mhux biss fil-ħidma teknika iżda wkoll fil-politika interna u fit-tehd ta' deċiżjonijiet tagħhom. Kooperazzjoni bħal din hija apprezzata; madanakollu, meta l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jkunu meħtieġa jiffukaw fuq l-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-UE, huma meħtieġa salvagwardji sabiex tiġi żgurata proċedura b'saħħitha u rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi tal-partijiet ikkonċernati, f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi u mal-ħtiġijiet leġiżlattivi. B'mod partikolari, dan japplika għad-deċiżjonijiet interni għall-iżvilupp ta' standards u ta' strumenti ta' standardizzazzjoni, kif mitlub mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet interni jistgħu jkopru kwistjonijiet bħad-deċiżjonijiet dwar l-aċċettazzjoni ta' talbiet ta'

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316/12, 14.11.2012).

standardizzazzjoni, dwar l-aċċettazzjoni ta' punti ġodda fl-aġenda ta' ħidma, u dwar l-adozzjoni, ir-reviżjoni jew l-irtirar ta' strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea. F'dawn il-każijiet, b'mod partikolari meta l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jappoġġaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u jiżviluppaw standards li huma kruċjali għall-pubbliku ġenerali tal-UE u għall-kumpaniji, il-governanza interna tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni trid tqis, kif xieraq, il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej kollha (inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili). Dan huwa saħansitra aktar pertinenti meta wieħed iqis li xi organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, huma prinċipalment magħmula minn operaturi ekonomiċi li għandhom id-drittijiet tal-vot, u l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet pubbliċi hija limitata f'xi każijiet.

Għalhekk hija meħtieġa kjarifika akbar sabiex jiġi żgurat li l-proċess intern kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħruġ ta' standards u ta' strumenti ta' standardizzazzjoni, mitlub mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni, jikkonforma ma' dak li l-istituzzjonijiet tal-UE jistennu minn korp li jiżviluppa l-istandards, rikonoxxut uffiċjalment bħala organizzazzjoni Ewropea tal-istandards.

Il-meħtieġa ta' ċerta rappreżentanza u setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni fir-rigward tal-istandards mitluba mill-Kummissjoni, tistabbilixxi kontrokontrolli suffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Kummissjoni ħabbret li kienet se tipproponi emenda għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 fl-inizjattiva tagħha ta' Aġġornament tal-*istrateġija industrijali l-għdida* tal-2020 (COM(2021)350)² flimkien ma' strateġija ta' standardizzazzjoni, li hija ppreżentata flimkien ma' din il-posta.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-emenda leġiżlattiva proposta hija konformi mal-importanza politika tal-istandards, kif enfasizzat f'inizjattivi ewlenin oħra tal-Kummissjoni, bħal Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020)67³), il-Portal Globali (JOIN(2021)30⁴), jew id-dikjarazzjoni tal-Kunsill li jilqa' "l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa strateġija għall-istandardizzazzjoni sabiex tissaħħaħ is-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni u l-governanza tagħha" (il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2020⁵).

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-inizjattiva hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għal azzjoni fejn l-ESOs ma għandhomx kompetenza esklużiva)**

Il-kwistjoni tas-sussidjarjetà ma hijiex kwistjoni. Din l-inizjattiva għandha temenda Regolament tal-UE li jirregola s-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni. Hija għandha l-

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021DC0350&from=EN>

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:52020DC0067>

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=JOIN%3A2021%3A30%3AFIN>

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020XG0616%2801%29>

għan speċifiku li tissalvagwardja l-prinċipji ta' governanza tajba fit-twettiq tal-istandards mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Din l-inizjattiva se ssaħħaħ ir-rwol tar-rappreżentanti nazzjonali (jiġifieri l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni) fis-sistema.

- **Proporzjonalità**

L-emenda proposta għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 hija limitata ħafna u mmirata lejn il-ħidma tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni wara talba mill-Kummissjoni. Dawn it-talbiet isegwu mandat ta' politika pubblika u, għalhekk, huwa importanti li jiġu żgurati prinċipji ta' governanza tajba f'konformità mat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi li jiżguraw li r-rappreżentanza/il-parteeipazzjoni nazzjonali għall-iżvilupp ta' standards Ewropej u ta' strumenti ta' standardizzazzjoni, abbażi ta' talba skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun garantita f'kull stadju tal-proċess.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament li jemenda Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati dwar din il-kwistjoni (b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, l-Istati Membri tal-UE, u l-partijiet ikkonċernati industrijali u tas-soċjetà ċivili). Dawn il-partijiet ikkonċernati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom u li jipprovdu kontribut għall-ħidma tal-Kummissjoni.

Matul il-konsultazzjoni dwar il-pjan direzzjonali għall-istrateġija ta' standardizzazzjoni, il-partijiet ikkonċernati pprovdew feedback siewi dwar il-governanza u dwar it-trasparenza fis-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni permezz tal-portal tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar⁶. Il-Kummissjoni rċeviet feedback simili permezz tar-rapporti maħruġa mill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati Ewropej skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt (IA) għal din l-inizjattiva. L-inizjattiva proposta tirrigwarda deċiżjonijiet amministrattivi fi ħdan l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni wara talbiet mill-Kummissjoni bbażati fuq politika jew ħtieġa legali. Dawn id-deċiżjonijiet amministrattivi jkopru deċiżjonijiet ta' governanza/amministrazzjoni għall-politiki tal-Unjoni. L-impatt ta' dawn id-deċiżjonijiet amministrattivi huwa limitat għal partijiet ikkonċernati identifikabbli. Bħala konklużjoni, ma kien hemm l-ebda ħtieġa għal IA u għall-konsultazzjoni pubblika relatata peress li l-emenda tkun/hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni, immirata u ttiprovdi emendi tekniċi għal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni tal-governanza.

⁶ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13099-L-istrateġija-tal-istandardizzazzjoni_mt

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex impatt baġitarju għall-istituzzjonijiet tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta għandha temenda biss żewġ artikoli.

Sabiex l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni – fejn meħtieġ – ikunu jistgħu jadattaw ir-regoli interni ta' proċedura tagħhom, l-emenda tipprevedi perjodu tranżitorju ta' sitt xhur qabel ma tidħol fis-seħħ.

Il-Kummissjoni se tassisti lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni sabiex tgħinhom jemendaw ir-regoli interni tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-istandards u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni dwar standards Ewropej u strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jistabbilixxi regoli fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards Ewropej u ta' strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea għall-prodotti u għas-servizzi b'appoġġ għal-leġislazzjoni u għall-politiki tal-Unjoni.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 il-Kummissjoni tista' titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar sabiex jabbozzaw standard Ewropew jew strument ta' standardizzazzjoni Ewropea.
- (3) L-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea għandhom rwol importanti għas-suq intern. Pereżempju, jistgħu jintużaw standards armonizzati sabiex tingħata preżunzjoni li l-prodotti li għandhom ikunu disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali li huma stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni għal dawk il-prodotti meta jikkonformaw mal-istandards armonizzati.
- (4) F'dawn l-aħħar snin, il-prattiki fl-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni fir-rigward tal-governanza interna u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom inbidlu. B'riżultat ta' dan, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni żiedu l-kooperazzjoni tagħhom mal-partijiet ikkonċernati internazzjonali u Ewropej.

⁷ ĠU C ..., ..., p.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

Kooperazzjoni bħal din hija milqugħa minħabba li tikkontribwixxi għall-proċess ta' standardizzazzjoni trasparenti, miftuħ, imparzjali u mibni fuq kunsensus. Madankollu, meta l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jeżegwixxu talbiet ta' standardizzazzjoni sabiex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni mhux ristretta ta' kwalunkwe parti ikkonċernata fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tagħhom, tista' twassal għal deċiżjonijiet li ma jqisux bis-sħiħ l-interessi, l-oġettivi tal-politika, u l-valuri tal-Unjoni kif ukoll l-interessi pubbliċi b'mod ġenerali.

- (5) Il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandhom rwol essenzjali fis-sistema ta' standardizzazzjoni, kemm fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri. Għalhekk, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiżguraw li l-interessi, l-oġettivi tal-politika u l-valuri tal-Unjoni kif ukoll l-interessi pubbliċi b'mod ġenerali jitqiesu kif xieraq fl-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni meta daww il-korpi jieħdu deċiżjonijiet dwar l-istandards Ewropej u dwar l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.
- (6) Il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni huma miftuħa għall-parteċipazzjoni mhux biss mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, iżda wkoll mill-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali għall-Unjoni, fost l-oħrajn. Sabiex jiġi evitat li daww l-organizzazzjonijiet jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fix-xogħol tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikkonċernati, huwa meħtieġ biss li jiġi previst li d-deċiżjonijiet f'daww il-korpi dwar l-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea mitluba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jittieħdu esklussivament minn rappreżentanti tal-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, mingħajr ma jiġu imposti xi rekwiżiti oħra dwar il-ħidma tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni.
- (7) Sabiex ir-rekwiżit għad-deċiżjonijiet fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni dwar l-istandards Ewropej u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropea mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jittieħdu esklussivament minn rappreżentanti tal-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni biex ikunu effettivi, jeħtieġ li jiġi previst li l-Kummissjoni tista' tagħmel dawn it-talbiet biss lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni li tikkonforma ma' dak ir-rekwiżit.
- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) Sabiex l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jkunu jistgħu jadattaw, fejn meħtieġ, ir-regoli interni ta' proċedura tagħhom għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi differita,

ADOOTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni tista’ titlob, fi ħdan il-limitazzjonijiet tal-kompetenzi stipulati fit-Trattati, li organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar jabbozzaw standard Ewropew jew strument ta’ standardizzazzjoni Ewropea fi żmien skadenza stabbilita, diment li l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kkonċernata tikkonforma mal-paragrafu 2a.”;

(2) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Kull organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet li ġejjin dwar l-istandards Ewropej u l-istrumenti ta’ standardizzazzjoni Ewropea msemija fil-paragrafu 1 jittieħdu esklussivament minn rappreżentanti tal-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni fi ħdan il-korp kompetenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta’ dik l-organizzazzjoni:

- (a) id-deċiżjonijiet dwar l-aċċettazzjoni, ir-rifjut u l-eżekuzzjoni tat-talbiet għall-istandardizzazzjoni;
- (b) id-deċiżjonijiet dwar l-aċċettazzjoni ta’ punti ġodda fl-aġenda ta’ ħidma;
- (c) id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, ir-reviżjoni u l-irtirar ta’ standards Ewropej jew ta’ strumenti ta’ standardizzazzjoni Ewropea.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ...[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data – 6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President